**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**
**(GHAWDEX)**

**IMHALLEF ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**
**Appell Nru: 2/2002**

**Il-Pulizija (Spettur Antonello Grech)**

**Vs**

**CHARLIE GALEA**

**Illum, 31 ta'Mejju, 2002.**

Il-Qorti :

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Charlie Galea talli fl-1 ta' Awwissu, 2001, ghal habta tal-4.14 p.m., fi Triq l-Imgarr, limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex, zamm tlett vetturi minghajr pjanci tar-registrazzjoni jew licenzji tas-sewqan fi triq ghal skop ta' bejgh, minghajr il-permess mahrug mill-Awtoritajiet.

Rat is-sentenza moghtija fit-12 ta'Dicembru, 2001, mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali li biha sabet lill-Charlie Galea hati ta'din l-akkuza w ikkundannatu ghall-tletin lira Maltin (Lm30) Multa.

Rat ir-rikors ta' appell ta' Charlie Galea datat 21 ta' Dicembru, 2001, li bih talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberah minn kull htija w piena.

Rat l-aggravji ta' l-appellant.

Semghet lix-xhieda bil-gurament, inkluz lill-istess appellant.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi kif dejjem nghad, il-funzjoni ta' din il-Qorti hija wahda ta' Revizjoni, u mhux ta' Prima Istanza, u, ghalhekk, hi ghandha tara jekk l-ewwel Qorti, in bazi tal-provi li nstemghu, setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha.

Din il-Qorti, ghalhekk, f'din il-funzjoni taghha msemmija, semghet il-provi mil-gdid biex tara jekk b'dak li ghamlet l-ewwel Qorti kienx gie sodisfatt dan ir-rekwizit. Din il-Qorti ghandha ragjonevolment tifhem li l-provi li semghet hi huma sostanzjalment l-istess provi li kienet semghet l-ewwel Qorti.

Issa in bazi ta' dawn il-provi, din il-Qorti ma ssib ebda raguni valida legalment l-ghaliex ghandha b'xi mod tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi li ghamlet u fil-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Ma jirrizulta minn imkien li dak l-apprezzament tal-provi li sar minn dik il-Qorti kien xi wiehed manifestament hazin, jew li dik il-Qorti ghamlet xi interpretazzjoni zbaljata tal-ligi.  F' tali cirkostanzi, din il-Qorti ma tistghax tirrimpjazza l-apprezzment tal-provi li ghamlet hi ghal dak li ghamlet l-ewwel Qorti.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tichad l-appell ta' Charlie Galea w tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.